FIL-QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' April 2022**

**Rik nru: 85/2022 AGV**

**Julian Tonna**

**Vs**

**Dr Mark A Mifsud Cutajar u PL. Silvana Vella mahtura kuraturi deputati ghal Nielsen Libyeth Avila Rovelo**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-**Rikors Ġuramentat ta’ Julian Tonna ID 519875M, datat 11 ta’ Frar 2022

**Jesponi bir-rispett u bil- ġurament Jikkonferma:**

Illi r-rikorrenti gie awtorizzat

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin ta’ Dicembru 2018 (22.12.2018) (Dok A – certifikat taz-zwieg anness).

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati de facto ghal kwazi sentejn kif jirrizulta anke mill-ittra ta’ medjazzjoni miftuha minn martu fid-19 ta’ Lulju 2021 hawn anessa u markata Dok B.

Illi r-rikorrenti ma jafx fejn tinsab l-intimata li hija ta’ nazzjonalita mill-Honduras u mindu hija telqet mil-fond matrimonjali ebda tracca ma halliet dwar fejn tinsab jew x’qed taghmel.

Illi r-rikorrenti ghamlet zewg tentattivi ghal medjazzjoni u anke l-intimata fethet medjazzjoni izda imbaghad ma turi ebda interess fihom u ghalhekk il-medjazzjoni tigi dikjarata maghluqa.

Illi anness huwa qed jesebixxi digriet tad-19 ta’ Jannar 2021 ittra 605/20 li juri li r-rikorrenti fetha l-medjazzjoni fit-2 ta’ lulju 2020 (kopja legali ma hux possibbli stante li l-process ma instabx) Dok C, Dok B l-ittra li fethet martu u digriet li l-medjazzjoni hija maghluqa tal-24 ta’ Jannar 202

stante li martu ma tattenditx ghas-sessjonijiet tal-medjazzjoni u Dok D l-ittra li rega fetah r-rikorrenti u li l-medjazzjoni giet dikjarata maghluq fl-24 ta' Jannar 2002 ghall-istess raguni cioe li martu ma tattendix ghas-sessjonijiet tal-medjazzjoni.

Illi l-partijiet assi immobbli ma ghandhomx xejn bejniethom tant li l-fond matrimonjali kien b'kera liema kera wara li skadiet ma gietx imgedda.

Illi l-partijiet ghandhom qabel ma zzewgu kienu ghamlu kuntratt sabiex maz-zwieg ma jkunx hemm komunjoni tal-akkwisti u dan skond kuntratt tas-7 ta' Dicembru 2018 atti nutar Pamela Mifsud Bonnici – kopja annessa Dok E.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra kull parti fformata rabta ma' persuna ohra. .

Illi l-partijiet it-tnejn jahdmu full-time u l-ahhar post tax-xoghol taghha f'Malta kien ma' Trident Trust Fund Services (Malta) limited , ta' orange Point Building Second Floor Triq dun Karm Birkirkara By Pass Birkirkara izda meta cempel ir-rikorrenti infurmawh li ma ghadhiex tahdem hemm u ma hemm ebda lok ghal maneniment.

Illi jehtieg ghalhekk li l-esponenti jigi awtorizzat jibda l-kawza ta' divorzju.

Illi stante li diga saru tlett tentattivi ta' medjazzjoni kif jirrizulta mill-anness fl-umli fehma tal-esponenti ma hemmx il-htiega ta' hatra ta'

medjatur ai termini tal-Artikolu 66 I (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-Regolament 397 /2003 tenut kont li ulied minn dan iz-zwieg ma hemmx, manteniment lejn xulxin qatt ma kien hemm f’dawn l-ahhar sentejn kemm ilhom separati de facto u qatt ma kienx hemm, ir-residenza fid-dar konjugali kienet bil-kera u llum din il-kera skadiet u hadd mil-partijiet ma ghadu joqghod fl-istess dar konjugali u l-partijiet qabel ma zzewgu kienu ghamlu kuntratt cioe pre nuptial sabiex dak li jaqalghu ma jkunx jifforma parti mil-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lill-esponenti jiftah kawza ta’ divorzju u jitlob ukoll li din il-Qorti tiddecidei li fic-cirkostanzi ma hemmx il-htiega ta’ hatra ta’ medjatur u dan salv kwalunkwe provvediment li din l-Qorti joghgobha tippreferiggi.

Il-Qorti ;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata 5 ta’ April 2022 ;

1. Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’ kaz li u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat li l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-ghoti tad-divorzju gew ippruvati.

Rat li l-Kuratur m'ghamilx kuntatt mal-intimat, peress illi r-rikorrenti ma kellha ebda mezz ta' komunikazzjoni mal-istess, u ma kienetx taf fejn qed jirresjedi.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet thgaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**